KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 78**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

Il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2023, fl-17:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieġ – Kunsillier (preżenti online – via teams)
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsilliera

Uffiċċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 78.1 Talba

## 78.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

78.1.1 Erbgħa membri kienu preżenti fil-kamra filwaqt li l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ kien online u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 78.3 Renewed Lease Agreement for devolution site at Mgarr Road, Qala with reference number Z60732;

78.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill kien iffirma l-Kuntratt mal-Lands għal kera ta' Sit f'Imġarr Road b'referenza Z60732 nhar it-Tlieta, 19ta' Settembru 2022 u irċieva l-istess kuntratt iffirmat ukoll mil-Lands fl-4ta' Ottubru 2023.

Fit-23 ta' Ottubru 23, l-Kunsill irċieva ittra mil-Lands fejn biha ġejna nfurmati li l-kuntratt irid jerġa jsir minħabba li l-Lands kienu ħadu żball. L-Lands kienu għaddew parti minn din l-area li kienet devoluta lilna, lil Sports Malta b'kuntratt ieħor. Is-Seg. Eżekuttiv talbet lil-Lands sabiex jipprovdu kopja tal-kuntratt li kien sar ma Sports Malta, liema kuntratt il-Kunsill irċieva propju fil-ħin li kienet għaddejja l-laqgħa. Il-Kuntratt li rċivejna jidher li l-Lands kienu għaddew 12,000 metru kwadru b'ċens għal 65 sena lil Sports Malta.

Fuq qbil tal-kamra, preżenti għal din il-laqgħa ġie msejjaħ l-avukat Dr. Jonathon Mintoff sabiex jipprovdi parir legali dwar il-każ. Il-Viċi Sindku talab jekk jistax jiġi s-Sur Noel Mizzi, l-President tal-futbol. Is-Segretarju Eżekuttiv, ssuġġeriet li aħjar l-ewwel nagħtu ċans lill-avukat jispjega u lill-membri jitkellmu.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li bħala Kunsill qatt ma kien hemm issues mal-club tal-futbol, anzi investa fil-Clubhouse u dejjem għen u anka kien hemm qbil li għandu jitħalla l-ispazju għall-istand.

Dr. Mintoff spjega li l-Lands għandha problema minħabba li daħlet f'agreement doppju u għalhekk għandha problema legali. Hemm lok sabiex il-Kunsill jikkontesta il-kuntratt li sar ma Sports Malta però dan irid jiddeċidieh il-Kunsill.

Daħal il-President is-Sur Noel Mizzi u kien hemm qbil li dan jitkellem. Hu spjega li l-post ilu mhux tal-Kunsill mit-22 ta' Diċembru 22, jiġifieri mid-data li fih kien skada l-kuntratt. U huma bħala Club kienu applikaw għalih ma Sports Malta. Kompla jgħid li hemm ġnien li hu l-mistħija fil-Qala u kien grazzi għal club tal-futbol li ngħata l-ħajja. Il-Kunsilliera

Valerie Cassar Mejlak wieġbet li fl-amministrazzjoni preċedenti ma kienx hemm telqa u dan l-abbandun qed isir taħt din l-amministrazzjoni, li kieku jkun f'idejn amministrazzjoni tajba jkun ġenna tal-art. Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ spjega li finalment l-area tibqa tal-Lands u għandha dritt titfa lil kulħadd barra, kif ukoll ma jarax għalfejn qed insibu diffikultà li tgħaddi għand tal-futboll meta bħala kunsill dejjem għenna u nibqgħu ngħinu lill-għaqdiet tal-Qala. Il-Kunsillier Karl Buttigieg qal li dan mhux lill-futbol qed ntuħ imma lil Sports Malta u sew hu kif ukoll il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qalu li kull meta ġie mitlub il-Kunsill dejjem għen kif seta. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ staqsa lil Viċi Sindku Ivan Ċefai jekk hu kienx jaf b'dan minn qabel u hu wieġeb li kien jaf. Kompliet id-diskussjoni min-naħa tal-Kunsillier Karl Buttiġieġ minħabba li l-Kunsill kien tħalla jidħol f'ħafna spejjeż għalxejn bħal dawk ta' Project Green meta dawn kienu diġà jafu li din l-art ser tittieħed mingħand il-Kunsill. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak żiedet ukoll li anka l-pjanijiet u l-proposta tagħha li jsir boċċi club kien allura sar kollu għalxejn.

Il-President Noel Mizzi spjega li din għaddiet lil-Sports Malta u li min għandhom se tgħaddi għand il-Club tal-futbol. Żied jgħid li kien anka talab lis-Sindku sabiex jgħaddi x-xogħolijiet relatati maż-żamma tal-ġnien lil Club għaliex kieku kienu jżommuh tajjeb ħafna u mhux f'din it-telqa. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak qaltlu li dan is-suġġeriment qatt ma tressqet fil-kunsill.

Wara li d-diskussjoni baqgħat għaddejja, ġie deċiż li jittieħed vot dwar jekk hemmx qbil li din l-area tgħaddi lil Sports Malta u għalhekk jiġi kkanċellat il-kuntratt mal-Lands li kien ġie ffirmat fl-4 ta' Ottubru 2023 u minflok jiġi ffirmat kuntratt ġdid li jkopri area ta' 6,000metru kwadru, jiġifieri li jkun fih biss Ġnien il-Familja.

Is-Sindku Pawlu Buttiġieġ – Stqarr li kien hemm bżonn nieħdu ħsiebu aħjar u għalhekk jaqbel mad-deċizjoni tal-Gvern – Vot favur.

Il-Viċi Sindku Ivan Ċefai – Jaqbel sabiex din iż-żona msemmija tiġi żviluppata f'żona sportiva– Vot favur.

Il-Kunsillier Joseph Buttiġieġ- Jaqbel għax ma sar xejn biex din l-area ssir aħjar – Vot favur.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ – Kull meta l-Kunsill intlab biex jgħin dejjem għen u ma kienx hemm kwistjoni dwar dan però xtaq li kieku l-ewwel sar meeting mal-Lands sabiex il-Kunsill jkollu aktar stampa ċara ta' x'se jiġri minħabba li l-kuntratt li bagħtulna l-Lands huwa ma Sports Malta u mhux mal-Club tal-futbol. Għalhekk huwa qed jastjeni.

Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak - - Stqarret li kella ssir b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Il-Kunsill abbanduna Ġnien il-Familja u minkejja l-proġetti kollha ma hemm l-ebda



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Ministru li jgħinna sabiex dawn isiru. Hija tittama li ser ikomplu jgawdu minnu n-nies tal-Qala. Għalhekk hija tastjeni.

Għalhekk, bi 3 voti favur u 2 li astjenew, il-Kunsill se jkun qed jiffirma kuntratt ġdid mal-Lands Department.

## 78.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

78.4.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiem fis-18.00pm. Il-laqgħa ġiet aġġoranta għal nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru 2023 fil-16.30p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt